# AHJAR TAGHTI MILLI TIRCIEVI

Ma kienx jghaddi Sibt wiehed biss li ma kontx tilmah lil Thomas wara l-bieb tal-garaxx jnaddaf il-karozza minn gewwa u jillustraha minn barra. Mhux ghax kellha bzonn li jnaddafaha minn gewwa ghax rari kien itella' lil xi hadd mieghu! Minn quddiemu dejjem kien jghaddi tfajjel ta' xi tnax-il sena joghqod ihares lejh ghal ftit mumenti jammira s-sbuhija ta' karrozza li kellu Thomas u jibqa' ghaddej ghal xoghlu.



Thomas kien jaf li z-zaghzugh kien joqghod fl-inhawi ta' madwar u ghalkemm kien jilbes xi ftit zmattat kellu karattru ferriehi u edukat.

Minkejja li kienet ix-xita u l-kesha kif jaf jaghmel Dicembru t-tfajjel zam l-appuntament tieghu u bl-umbrella ghadda minn quddiem Thomas u waqaf jhares lejn il-karozza kif kien

jaghmel is-soltu.

Thomas meta rah stiednu jistkenn mix-xita billi jidhol gewwa. It-tfajjel x'hin ra ruhu hekk qrib dik il-karozza lussuza u sabiha staqsieh: " Din il-karozza tieghek?"

"Iva," wiegeb Thomas. " Din qlajtha rigal minghand missieri u ommi meta jiena ggradwajt avukat is-sena l-ohra."

"Jigifieri ma hrigtx ebda sold ghaliha? Kemm nixtieq……." Imma waqaf hesrem. Thomas induna xi xtaq jghid it-tfajjel. Xtaq li jkollu genituri bhal tieghu halli jaghtuh rigal karozza. U ma marx zmerg fi hsiebu ghaliex kompla t-tfajjel: "Nixtieq li kelli genituri bhal tieghek."

Imma din kienet biss holma ghaliex ommu kienet tmur tahdem ta' seftura ghand in-nies u taghqlahha u tiekolha flimkien maz-zewg uliedha. Zewgha kien safa' vittma ta' sparatura bejn il-hallelin u l-forzi tas-sigurta' meta ta' l-ewwel ippruvaw jisirqu minn supermarket waqt zmien il-Milied, meta l-kxaxen tal-kaxxiera jkunu mimlija bil-flus aktar minn zmien iehor.

Ghal ftit mumenti Thomas ma kienx jaf x'ser jghid u bhallikieku imbuttat minn forza mohbija staqsieh:

" Tridx niehdok girja bil-karozza?"

L-iehor donnu dik l-istedina kien jistenna ghax minghajr telf ta' zmien wiegbu: " Iva tghogobni l-idea."

Hekk kif dahal fil-karozza ghajnejn it-tfajjel flewha minn fuq sa isfel . "Jiena dilettant hafna tal-karozzi u nhobb naqra kotba

fuqhom u dak li nitghallem nurih lill-hija.”

“Hekk sewwa. Hekk sewwa . Ismek ghadni ma nafux, zaghzugh, “ qallu Thomas.

“Jien jisimni Johnatan u hija izghar minni Jacob. Ahna dejjem nistennewk wara t-tieqa tghaddi minn quddiemna fil-hin tal-hamsa”

Wara li daru zewg toroq iz-zaghzugh dar lejn Thomas u b’ghajnejh jiddu bil-ferh staqsieh: “ Mister, tista twaqqaf faccata tad-dar tieghi?”

Thomas tbissem u fehem x’ried…ried juri lill-girien li seta’ jigi lura d-dar b’karozza sabiha. Imma Thomas ikkonkluda hazin.

“Tista twaqqaf fejn dawk iz-zewg targiet? U tistenna ghal ftit hin ukoll?”

Thomas ghamel kif qallu. Johnatan hareg bil-galbu mill-karozza u lebbet ‘l gewwa fid-dar. Ftit mumenti wara Thomas jarah igorr lil huh Jacob li kien handikappat, fuq dahru. Hekk kif wasal fuq it-tarag poggieh bil-qieghda u intrass hdejh.

“Qed tara dak li kont nghidlek fuq il-karozza li kuljum tghaddi minn quddiemna. Xtrawhilu l-genituri tieghu bla ma hallas sold wiehed biss. Hares lejha u ammiraha mill-qrib. Gurnata wahda nixtrilek wahda bhala u ndawrek ma’ kullimkien.”

“Johnatan mur ghid lil ommok li gejjin mieghi. Ghal dan il-kliem Johnatan tar ghand ommu u avzaha u hareg mill gdid

jigri ‘l barra. Thomas kien diga’ refa’ lil Jacob u qieghdu fl-ewwel seat. Johnatan pogga warajh u telqu ‘lkoll jduru dawra bil-karozza s-sabiha.

Waqfu fil-park u Thomas dahhalhom jiehdu xi haga ta’ l-ikel u xorb f’restaurant. Xtrahlhom ktieb kull wiehed fuq il-karozzi u rega’ hadhom lura id-dar.

X’ferh garrbu it-tfal hadd ma jista’ jfisser. Dak il-Milied Thomas fehem kemm kellu ragun Kristu jghid li aktar imbierek min jaghti…..